Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATURA
# Laqgħa Numru 82
# It-Tlieta 30 ta' Ottubru 2018

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-5.48 p.m.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier < Hareg 08:20 pm >
Maurice Agius – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier

## ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Matthew Agius – Kunsillier
Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Alan Abela Wadge – Kunsillier

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 82.1 Qari ta’ l-ittri ta’ apoloġija;

82.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-Kunsillier Alex Sciberras,li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

82.1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-Kunsillier Alan Abela Wadge,li talab li jkun skużat minħabba impenn ta’ xogħol fuq attivita’.

82.0.03 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-Kunsillier Matthew Agius ,li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

82.1.04 Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

### 82.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

82.2.01 Il-minuti ta’ Seduta L7-81 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

### 82.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;

82.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda stedina għall avveniment sportiv ġo Ċentru għall attivita’ Fizika u Sport l-Hamrun. Organiżżat mir-reġjun Ċentru u tagħat dettalji ta ' l-attivita’ fejn attendiet l-ET il-President ta'Malta Marie Louise Coleiro Preca.

82.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda, koresspondenza minn Trasport Malta dwar infurżar u implimentazjoni ta'sinjali fi’ Triq Guże’ Ellul Mercer. Wara li daħlulhom rapporti ta' abbużżi , argumenti u ġlied bejn residenti li kkapaparaw l-ispażju fi’ Triq quddiem ir-residenza tagħhom.

82.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda, koresspondenza mill-produtturi ta'Bonġu Bus. Fejn dawn qed jitolbu biex jagħmlu programm ġol-Imsida.

82.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda, Ċirkulari AKL 2018/129 laqgħa Bus Shelters.

82.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda, Cirkulari AKL 2018/124 dwar il- Jum Dinnji ta' tfal.

82.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda, korresspondenza u applikazzjoni għall nomini Premju Soċjeta' Ġusta. U talbet lill- Kunsilliera preżenti biex jekk jafu lill xi ħadd li jistgħu jkunu nominati biex jagħrffu lill- Kunsill ħalli japplika.

82.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda, korrespondenza u applikazzjoni għall nomini Premju Żgħażugħ tas-sena. Organiżżat mil- Moviment Kerygma. U għarrfet lill- Kunsilliera preżenti, jekk jafu lill xi persuni għan-nomina.<Is-Sur Maurice Agius propona lill J.C Borg.>

Mizjuda:<Is-Sur Maurice Agius propona lill J.C Borg.>

82.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda, korrespondenza u tagħat dettalji ta'laqgha li saret ma' rappreżentat tal- Car to Go. Li qed topera in-National Car Sharing Project. U tagħat dettalji ta kif din il- kumpanija, ser tkun qed tħaddem l-skema. U fejn ser ikunu il- Car bays ġol- l-Imsida.<Is-Sur Maurice Agius kummenta li dawn gew imposti fuq il-Kunsill.>

Mizjuda:<Is-Sur Maurice Agius kummenta li dawn gew imposti fuq il-Kunsill.>

## 82.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

82.4.01 Is-Sur Maurice Aguis staqsa jekk intbagħtetx ittra lil l-ispettur, dwar xi karozzi pparkjati ġot- triq waqt il marċ tal-festa. Hu qal li biex ikun hemm kontinwazzjoni xorta waħda għanda tintbgħat lill- spettur il-ġdid.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kif spjega fil- Laqgħa L7-81 din ma intbagħtetx, minħabba li riedet tasal l-ispettur il- ġdid. U kompla jispjega li din bdiet l-Imsida fl-aħħar ġranet u ser jibgħata' ma' xi affarijiet oħra pendenti.

Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li kella laqgħa ta'Introdużjoni ma' l-Spettur u s- Supredentent, fejn ġie diskuss l-andament u kontinwazzjoni ta' kollaborazjoni aħjar. Bejn il-Kunsill, u l--puliżija.

82.4.02 Is-Sur Charles Selvaggi qal li dwar Triq l-Università fejn hemm il-konfini, bejn l-Msida mal-Gżira ra risposta li bagħat lir-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv talab biex din tkompli tingħata' l-attenzjoni mill- kenniesa.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ta' istruzzjonijiet lill- kuntrattur biex din it-triq jagħtu s-servizz. Filwaqt li għarraf lir-resident ikkonċernat fuq fejn suppost, għandhom jintefqu l- boroż tal-iskart wara il-bieb ta' residenza. U mhux ġo xi kantuniera jew faċċata, fuq il- bankina.

82.4.03 Is-Sur Maurice Aguis qal li għadt ma kienx hemm ċans immur mas-Segretarju Eżekuttiv jitkellem mas- Sidien tal- binja. Fejn propost li jsir shifting ta' bozza ġo Rue D'Argens.

82.4.04 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar ir-rampa, li saret fi-Triq il-Prinċipessa Margerita'.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb, li għadhu qed jipprova jagħmel laqgħa mal-perit u rappreżentanti tal-KMPD .

82.4.05 Is-Sur Charles Selvaggi reġa' staqsa dwar ir-rampi li jagħtu għall l- iskate Park .

Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li hemm works order biss, għandu dubju jekk bil-kimika biss hux ser tissolva l-problema.

82.4.06 Is-Sur Charles Selvaggi qal li diġa' tkellem fuq il-boroż biss. Qed jibza' la tibda l-borża l-bajda ser ikun hawn problemi akbar.
Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li kien hawn rispons tajjeb għall ġbir tal- bins, u ser ikompli jsir it-tqassim mil- Kunsill Lokali. Hawn kompla jispjega li sakemm din tibda qed jistenna li ikun hawn numru qawwi ta'boroż. Biss l- istrużżjoniet minn Wasteserv huma ċari biex dawn ma jinġabrux, Ħlief fil- ġurnata tagħhom u għadt irrid jara kif ser tiżviluppa.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet, li hija wkoll qegħda tibża, li se jkun hawn ħafna boroż u ħmieġ. Biss taf li kien hawn ħafna nies li wrew interess, u wieħed għadt irrid jara kif se jimxu l-affarijiet.

82.4.07 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa, dwar il-bankina temporanja li saret fi' Triq il-Wied li għadu ma sar xejn u baqgħet perikoluża.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li reġa' bagħat email u kopja lill-awtoritajiet,ikkonċernati. U jidher li minn risposti li diġa' irċieva, se ssir pressjoni minn Transport Malta.

82.4.08 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar is-Siġra tal- Ewrekarja privata li mietet. U fejn kienu saru bosta rapporti mir-residenti, għax kienet ta' periklu. Fejn għarraf lill-Kunsilliera preżenti li din tneħħiet mis-sidien fi' Triq Makna tas-Serrar.

## 82.5 Items oħra ta' Xogħol, tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

82.5.01 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai poġġiet fuq il- mejda kopja tal- pjanta għall-proġett tal-ġnien, ġo Misraħ San Ġużepp. U tagħat id--dettalji fuq l-iżviluppi għall applikazzjonijiet finali.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li kien hemm proposta, li fil- ġnien jiġi nstallat Multi Sport Facility mis-Segretarjat għall l- isport.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa mportanti, li dan il-proġett bħall proġetti oħra biex ikun jista' issir jiddependi mill- allokazzjoni ta' 100% tal- fondi għall l-iżvillupp mgħodija mill P.A u li hemm bżonn jiġu sottomessi, matul din is-sena 2018. Mis-sena 2019 il- fondi mgħodija jkunu sa' 70% tan nefqa totali u l- Kunsill żgur ma jkunx jista' joħroġ it-30 % apparti l-spejjeż professjonali.

82.5.02 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai poġġiet fuq il- mejda kopja tal- pjanta għall proġett tal- Binja tal-Kunsill Lokali, biex jiżdied żewgt sulari oħra.

Is-Sur Emanuel Brincat spjega fil- preżent hemm permess approvat, ta'sular ieħor iżda huwa possibli li l-Binja tista' titla' żewġt sulari oħra. Mingħajr ma jkun hemm bżonn jiġi rrtirat l-ġewwa u b'hekk ikun spażju tajjeb, għall sala u attivitajiet u servizzi oħra.

Is-Sur Lino Bartolo qal li huwa ma jaqbilx li il Bini jibqa tiela’ dritt, u dan għandu jkun irrtirat għax bħala Binja tal- Kunsill tigi tidher kerha u bla estetika.Hawn kompla jispjega li minkejja jista’ ikun waħdu hu qed jidikjara li ma’ din il-proposta ma jaqbilx.
Il-Kunsilliera preżenti bdew  id- diskussjoni fuq il-proposta u kien hemm opinjonijiet differenti u  konfliġenti.  Fit- 20:20 is--Segretarju Eżekuttiv ta'parir lis-Sindku biex is-suġġett jiġi aġġoranat għall seduta, oħra filwaqt li id-diskussjoni ġiet sospiża sa’ 20:35.

Mibdula:<Estetikament kerha, Barra minhekk il-pjanti originali mill-ewwel u approvati mill-MEPA kienu juru dan l-irtirar u diga kienet saret struttura biex tiehu il-piz ta'dan il-bini. Huwa qal li ghalkemm kien ser jivvota favur dan il-bini imma jixtieq,  li l-PA ma tapprovax.>

82.5.03 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai poġġiet fuq il - mejda kopja  għal Bye Law dwar konsum alkoħoliku, f’ żoni Pubbliċi.
Il-Kunsilliera preżenti bdew  id- diskussjoni u ġie propost u maqbul għall bdil fuq artiklu 3 biex il-kliem ( Glass container )  jinbidel għall kliem (Alchol beverage in any type of container).
Il-Kunsiliera preżenti qablu, biex din il-proposta tigi konsultata mal-pulizija biex titieħed l-opinjoni tagħhom. Kif tista’ tkun effettiva fil- qadi ta'dmirijiet tagħhom.

Mizjuda:<filwaqt li meta terga ssir diskusjoni jkun presenti fil-kunsill l-Avukat biex jkun jista jfehmna ahjar.>

82.5.04 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-Mejda proposta minn kumpanija li toffri servizz għall ġbir ta'drap u ħwejeg użati. Fejn spjega li jekk il-Kunsill japprova dan ma għandux ikun kuntratt, iżda ftehim li jista’ jitwaqqaf f'numru ta ġranet minħabba li jista’ ikun hemm sejħa għall konċessjoni.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li għandu jibda jingħata’ dan is-servizz sakemm dan ma jkunx qed jorbot lill- Kunsill, biex  kuntratt ta'Esklusivita’.Ġie issuġġerit biex forsi is-serviżż jingħat bil- booking bħal ma ssir il- Bulky Refuse.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota, u se jiddiskuti mal- kuntrattur l-aħjar mod ta’ kif jista’ jingħata’ is-servizz.

82.5.05 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-Mejda ( FTEHIM TA’ AĊĊETTAZZJONI: SKEMA TA’ TAGĦLIM U PROĠETTI EDUKATTIVI, FIL-KOMUNITÀ   Ċirkulari SPI 3/2018 ) u proposta minn kumpanija li toffri s-  servizz għall taħriġ fuq servizzi ta' IT. Hawn spjega li saret laqgħa mal- kumpanija u ġie diskuss in-numru ta' Korsijiet u proġetti, oħra li kellha din il- kumpanija matul is-sena 2018 ġewwa l-IT room. Wara li ġie rikonixxut li l-Kunsill qed jipprovdi dan l-ispażju, għas- setup kien miftiehem li għandhom issiru dawn iz-żewġt proġetti kif indikat fl- iskema.  Fejn il-Kunsill Lokali L-Imsida ma għandu jħallas xejn, ħlief il-Grant mgħoddi mid- Dipartiment.

Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai Qalet li skont it tabella tal-informazjoni kien hemm 18 il persuna mill Msida, u 4 mis-Swatar (Msida ) Min 44 persuna maqsumin bejn Msida ,Swatar , Pieta u Santa Venera li bbenefikaw mill- proġetti Robotika Nation u l- Learn.

Qamet diskussjoni bejn il-Kunsilliera preżenti fuq diversi punti dwar l-IT room. Fejn is-Segretarju Eżekuttiv spjega, li ma jeżistix kuntratt iżda din ma tistax tinkera' għall skopijiet kummerċjali. Li jista' issir huwa li ssir sejħa għall konċessjoni jekk dan ikun skond kif permess, mid-dipartiment tal-Kuntratti u l- entitajiet ohra. Għall din ser jagħmel verifika u jagħarraf lill- Kunsill aktar il- quddiem meta jieħu r- risposti ċari .

Il-Kunsilliera Preżenti, approvaw il-proposta.

82.5.06 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai proponiet li jinxtraw, xi kotba b' risq il-Community Chest Fund, Bi' prezz ta' 80 euro għall librerija u l-Kunsill.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw li jinxtraw żewgt ti' ktejjeb wieħed għall librerija u l- iehor għall Kunsill, biex ikun jista' jarawh ir- residenti biss. Dawn il-kotba ma jistgħux jinħarġu barra, mill- binja tal-Kunsill.

82.5.07 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-Mejda talba għall No objection ta' Comunal Reserved parking. Ġo Triq Mons Carmelo Żammit. Hu ta tagħrif, fuq it-talba.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew, u approvaw unanimament.

82.5.08 Is-Snjura Romina Galea, tkellmet fuq < Sprall mkisser hdejn >Disabled parking < ma'dawra tal gnien > ġo Triq Ċensu Farrugia. Mizjuda:< Sprall mkisser hdejn > < ma'dawra tal gnien >

82.5.09 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar ic-ċint tas-Sisla, biex forsi jingħata' forma ta' inċentiv biex jagħmluh il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

82.5.10 Is-Sur Lino Bartolo talab, biex jittranġa' l-isprall fejn Arċ Diacono.

82.5.11 Is-Sur Lino Bartolo talab biex jinġab perit, u jitieħdu ritratti u jsiru rapporti lill-puliżija,fuq l-stat ħażin tal- ħajt taħt Triq Achille Ferris fuq Triq Reġjonali.

82.5.12 Is-Sur Lino Bartolo talab biex issir xi ħaġa dwar l- applikazjoni ta' Dawl ,għall St Joseph Drive.(Triq Xatt l-Imsida)

82.5.13 Is-Sur Lino Bartolo tkellem fuq il-madum li fadal għand Kuntrattur biex jinġab il-Kunsill u dan jista' joqgħod fil- bitħa interna tal-Kunsill.

82.5.14 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar applikazzjoni pendenti ta' Reserved parking biex ssir x haġa temporanja sakemm jinħareġ il-permess minħabba diffikultà fiżika li qed ġġarrab persuna.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li taf bil-kaz u ghallkem taf li dan suppost kellu jigi approvat min TM gara li minhabba revizjoni tal policie kienu mizmuma on hold izda taqbel li din ghanda ssir sakem johrog il permess ufficjali.Hemm kaz iehor l-stess go Triq tal-Qroqq.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew, u approvaw unanimament.

82.5.15 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-Mejda SPI 12/2018 u għarraf lill Kunsilliera preżenti li se ssir applikazzjoni biex fejn possibbli jiġi nstallat apparat tal-Gym għall użu ta'residenti.
Il-Kunsilliera preżenti u approvaw unanimament.

82.5.16 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill Kunsilliera preżenti biex jiddeċiedu ġurnata biex ssir l-attività tal-festi għall Kunsilliera u ħaddiema tal-Kunsill

Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u ġie deċiż li din ssir Nhar is-Sibt 5 ta'Jannar 2019

## 82.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat

82.6.01 Is -Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda, it-Third Quarter Financial report January-September 2018 < 82.6.01 > Is-Sinjura Romina Perrici Ferrante, assistiet fil-preżentazjoni u wieġbet fid-dettall, Għal xi mistoqsijiet tal-Kunsilliera preżenti fejn spjegat li f'dan il-perjodu il-Kunsill baqa' għaddej b' ritmu pożżittiv u reġġistra s-surplus ta' 25%.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella kompla jispjega, lill-Kunsilliera preżenti li ltaqa' mal-Accountant u ġie diskuss u analiżati aktar fil-fond il-varjazzjonijiet fid-dħul u l-ħruġ. Fejn qed jiġu proposti xi tibdiliet fl-estimi ta' Dħul u l- Ħruġ, Li ser iwassal għal żieda akbar fl' infieq ta'manutenzjoni ġenerali u items ohra. Liema proposti qiegħed ipoġġi fuq il-mejda biex jiġu approvati mill-Kunsill. Hawn kompla jispjega li dan għandu jara li l-Kunsill xorta jibqa' iżomm mal-10 % kif mitlub mir-regolamenti.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew, u approvaw ir-rapport u tibdil fl-estimi unanimament.

82.6.02 Is -Segretarju Ezekuttiv gharraf lill Kunsilliera preżenti li gew imsejħa żewġt laqgħat tal- Kummitat mahtur biex jara il-ħinijiet ta'ftuħ tal- Kunsill. Iżda għall raġunijiet ta' xogħol u notifikazjoni dawn kellhom jiġu posposti.

Is-Sur Lino Bartolo staqsa l- għala għandu jsir iċ-ċaqliq, meta issa jistgħu jinbiddlu il-leġislatura u l-ftehim Kolletiv.
Is -Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kienu il-Kunsilliera stess li dejjem jgħidu li l-ħinijiet mhux tajbin, u għandhom jinbiddlu, Inkluż il - ħin tas-Sajf u għalhekk inħatar il-Kumitat.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li għalissa jibqa' kollox kif hu ħlief xi tibdiliet żgħar fil- ħin tal-ftuħ u għeluq.

## 82.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

82.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda, l-iskeda K7-82 < dc 82 .7. 01 > ta' ħlasijiet bejn 19 ta' Settembru u 25 ta'Ottubru Għal l-approvazzjoni tal-Membri.

L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Lino Bartolo U ssekondata’ mis-Sur Maurice Agius.

L- iskeda ġiet approvata ,unanimament.

**82.8 Tmiem tal-laqgħa u d- data tas-seduta li jmiss.**

82.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-9:20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata, għat-Tnejn 26 ta' Novembru 2018 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 26 ta' Novembru 2018

IFFIRMATA IFFIRMATA

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv